DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru 28/2012

tal-10 ta' Frar 2012

li temenda l-Anness XX (Ambjent) tal-Ftehim dwar iż-ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat mill-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn issa 'l quddiem imsejjaħ "il-Ftehim", u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness XX ta' mal-Ftehim kien emendat permezz tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 158/2011 tat-2 ta' Diċembru 2011 [1].

(2) Id-Direttiva 2003/35/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Mejju 2003 li tipprovdi għall-parteċipazzjoni pubblika rigward it-tfassil ta' ċerti pjani u programmi li għandhom x'jaqsmu mal-ambjent u li temenda d-Direttivi tal-Kunsill 85/337/KEE u 96/61/KE [2] għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim.

(3) Id-Direttiva 2008/1/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Jannar 2008 dwar il-prevenzjoni u l-kontroll integrati tat-tniġġis [3] għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim.

(4) Id-Direttiva 2008/1/KE tirrevoka d-Direttiva tal-Kunsill 96/61/KE [4] li hija inkorporata fil-Ftehim u li konsegwentament għandha tiġi rrevokata mill-Ftehim,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Anness XX ta' mal-Ftehim jiġi emendat kif ġej:

1. L-inċiż segwenti jiddaħħal fil-punt 1a (id-Direttiva tal-Kunsill 85/337/KEE):

"— **32003 L 0035**: Id-Direttiva 2003/35/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Mejju 2003 (Edizzjoni Speċjali tal-ĠU bil-Malti: Kapitolu 15 Volum 07 pp. 466-473)."

2. It-test fil-punt 1f (id-Direttiva tal-Kunsill 96/61/KE) jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"**32008 L 0001**: Id-Direttiva 2008/1/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Jannar 2008 dwar il-prevenzjoni u l-kontroll integrati tat-tniġġis (ĠU L 24, 29.1.2008, p. 8).

L-arranġamenti tranżitorji stabbiliti fl-Annessi ta' mal-Att tal-Adeżjoni tas-16 ta' April 2003 tal-Islovakkja (l-Anness XIV, il-Kapitolu 9, it-Taqsima D, il-punt 2) dwar id-Direttiva 96/61/KE japplikaw *mutatis mutandis*.

L-arranġamenti tranżitorji stabbiliti fl-Annessi ta' mal-Att tal-Adeżjoni tal-25 ta' April 2005 jew, skont x'ikun il-każ, ta' mal-Protokoll tal-Adeżjoni tal-25 ta' April 2005 tal-Bulgarija (l-Anness VI, il-Kapitolu 10, it-Taqsima D, il-punt 1) u tar-Rumanija (l-Anness VII, il-Kapitolu 9, it-Taqsima D, il-punt 1) dwar id-Direttiva 96/61/KE japplikaw *mutatis mutandis*."

3. Il-punt segwenti jiddaħħal wara l-punt 1jb (id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/442/KE):

"1k. **32003 L 0035**: Id-Direttiva 2003/35/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Mejju 2003 li tipprovdi għall-parteċipazzjoni pubblika rigward it-tfassil ta' ċerti pjani u programmi li għandhom x'jaqsmu mal-ambjent u li temenda d-Direttivi tal-Kunsill 85/337/KEE u 96/61/KE (Edizzjoni Speċjali tal-ĠU bil-Malti: Kapitolu 15 Volum 07 pp. 466-473)."

Artikolu 2

It-testi tad-Direttivi 2003/35/KE u 2008/1/KE bil-lingwa Islandiża u b'dik Norveġiża, li għandhom ikunu ppubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE ta' ma' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, ikunu awtentiċi.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ fil-11 ta' Frar 2012, sakemm ikunu saru n-notifiki kollha skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (*).

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni tiġi ppubblikata fis-Sezzjoni taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u fis-Suppliment taż-ŻEE ta' mieghu.

Magħmul fi Brussell, l-10 ta' Frar 2012.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE
L-Aġent President
Gianluca GRIPPA

---

[1] ĠU L 76, 15.3.2012, p. 45.
[2] Edizzjoni Speċjali tal-ĠU bil-Malti: Kapitolu 15 Volum 07 pp. 466-473.
[3] ĠU L 24, 29.1.2008, p. 8.
[4] Edizzjoni Speċjali tal-ĠU bil-Malti: Kapitolu 15 Volum 03 pp. 80-94.

(*) Rekwiżiti kostituzzjonali indikati.

Dikjarazzjoni Konġunta min-naħa tal-Partijiet Kontraenti għad-Deċiżjoni Nru 28/2012 tal-10 ta' Frar 2012 li tinkorpora d-Direttivi 2003/35/KE u 2008/1/KE fil-Ftehim

"L-inkorporazzjoni tad-Direttivi 2003/35/KE u 2008/1/KE fil-Ftehim dwar iż-ŻEE tkun bla ħsara għall-opinjoni li r-regoli proċedurali ċivili ma jagħmlux parti mill-Ftehim dwar iż-ŻEE."